**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 18 ta' Mejju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 25/2020 AF**

**Lee David u Nicholas ahwa Camilleri**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**u bil-verbal tas-17 ta' Settembru 2020, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jissejjah fil-kawza Peter Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Lee David u Nicholas aħwa Camilleri, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fl-14 ta' Marzu 2018 certu Peter Camilleri talab quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali) il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 15/2018/1 fl-ismijiet Peter Camilleri vs Lee David u Nicholas ahwa Camilleri sabiex l-esponenti jinzammu milli jbieghu, jnehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari terz indiviz mil-lok ta' djar numru tnejn u erbghin, Triq Duru, Nadur, Ghawdex, bl-art annessa mieghu u bl-arja u kif ukoll terz indiviz minn porzjon art maghrufa bhala "Ta' Majza" fi Triq Majza, Nadur, Ghawdex liema mandat gie milqugh u mahrug fil-konfront tal-esponenti.

F'dan il-mandat, Peter Camilleri ikkawtela s-somma ta' sittin elf Ewro (€60,000) u irriserva li jikkawtela ammont ulterjuri.

Dan il-mandat gie segwit bil-kawza quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali) fl-ismijiet Peter Camilleri vs Lee David Camilleri et numru 36/2018.

Fl-ewwel seduta tal-20 ta' Gunju 2018 din il-kawza tpoggiet *sine die* u dana peress li skond l-istess Qorti "l-mertu tal-kawza prezenti jiddependi minn ezitu favorevoli f'kawza 60/2015 fl-istess ismijiet" u issoprasjediet f'din il-kawza sakemm ikun hemm ezitu konklussiv fil-kawza indikata.

Fil-frattemp l-esponenti sabu l-bejgh tas-sehem taghhom tal-proprjetà suindikata u dahlu f'konvenju suggett li l-mandat *de quo* jitnehha. Is-sehem taghhom kien sejjer jinbiegh mija u sitta u sebghin elf sitt mija u sitta u sittin Ewro u sitta u sittin centezmu (€176,666.66c).

Fis-17 ta' Dicembru 2019, l-esponenti intavolaw rikors fejn fih talbu l-Qorti sabiex jitnehha l-mandat surreferit u minflok

jiddepozitaw taht l-awtorità taghha s-somma ikkawtelata minn Peter Camilleri u cioè s-somma ta' sittin elf Ewro (€60,000).

Dan il-mandat gie michud.

Dan il-mandat gie michud minkejja l-gurisprudenza kostanti fejn fost ohrajn tghid li mandat ta' inibizzjoni ma ghandux jigi mahrug meta jintalab li jigu kkawtelati pretensjonijiet ta' hlas ta' danni u dan peress li huwa meqjus li l-hsara f'kazijiet bhal dawn mhumiex irreperabbli. Fis-sentenza fl-ismijiet Charles Schembri vs Victor Vella Mandat numru 691/2015/1 JPG tat-23 ta' Gunju 2015, il-Prin'Awla tal-Qorti Civili irriteniet:

> ""Illi apparti minn dan, **<u>hsara jew pregudizzju ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunarju cioè telf ta' qliegh jew flus</u>**. Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-digriet finali fl-ismijiet Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et deciza fit-13 ta' Mejju 2014, per Onor. Imhallef J. R. Micallef:
>
> > "Tqis illi huwa wkoll mizmum li l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall-kumpens kwantifikabbli u hlas ta' danni meta dan jista' jithares b'rimedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi."

Vide wkoll IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et deciza fil-11 ta' Marzu 2003."

(Emfasi tal-esponenti)

Effettivament l-esponenti qed jigu kolpiti b'mandat li qed izommhom milli jiggestixxu proprjetà li l-valur taghha jiswa tlett darbiet aktar mill-ammont kawtelat.

Jekk il-Mandat ta' Inibizzjoni jibqa' fis-sehh, id-drittijiet fundamentali tal-esponenti jigu lezi a tenur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem ghax huma qed jigu pprivati mit-tgawdija pacifika tal-possediment ta' din il-proprjetà taghhom hekk kif inghad.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi fic-cirkostanzi fuq indikati l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 15/2018 fl-ismijiet Peter Camilleri vs Lee David u Nicholas ahwa Camilleri qieghed jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà kif sancit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem ghax huma qed jigu pprivati mit-tgawdija pacifika tal-possediment ta' din il-proprjetà taghhom hekk kif fuq inghad.

2. Konsegwentement tipprovdi rimedju inkluz fil-hlas ta' kumpens xieraq.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Qabel xejn, ir-rikorrenti messhom dahhlu f'din il-kawza lil Peter Camilleri, la darba b'rihet ta' din l-azzjoni huma qeghdin jattakkaw iz-zamma ta' mandat ta' inibizzjoni li nhareg fuq talba ta' dan Peter Camilleri.

*In limine litis* ukoll, jekk kemm il-darba r-rikorrenti ma kienux qeghdin jaqblu ma' xi digriet li awtorizza l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, allura huma messhom fethu kawza civili b'rikors mahluf kontra Peter Camilleri biex iwaqqghu dak il-provvediment u mhux idahhlu lill-Gvern f'kawza kostituzzjonali/konvenzjonali. Dwar dan il-punt, huwa mizmum fil-gurisprudenza taghna li digriet li jichad il-hrug ta' kontro-mandat jista' jigi imwaqqa' b'rikors mahluf (ara *inter alia* ***Paul Tanti pro et noe et vs. Sammy Mifsud et nomine*** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 2001).

B'rabta ma' dan, lanqas ma hi haga sewwa li r-rikorrenti jippretendu li ghandhom jigu kkumpensati mill-Istat Malti minhabba z-zamma fis-sehh ta' mandat ta' inibizzjoni, meta huma jigu jistghu jinqdew bl-**artikolu 837(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u bl-**artikoli 1030 u 1031 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex jigu mhallsa ghal danni li jghidu li garrbu minhabba l-hrug u z-zamma tal-mandat ta' inibizzjoni.

Billi ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom f'idejhom rimedji ordinarji biex jikkontestaw iz-zamma tal-mandat ta' inibizzjoni u biex jigu kkumpensati ghall-hsara li qed jghid li garrbu, huwa l-kaz li din l-Onorabbli Qorti toqghod lura milli tinqeda bis-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha skond l-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bla hsara ghall-premess, sa fejn ir-rikorrenti qeghdin jargumentaw li garrbu ksur tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, dan huwa ghal kollox improponibbli ghaliex skond l-**artikolu 37(2)(h) tal-Kostituzzjoni**, ebda haga f'dan l-artikolu m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta' xi ligi sa fejn din tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà, li ssehh fil-kuntest ta' ordni tal-Qorti. Tassew il-provvedimenti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali) huma ordnijiet ta' Qorti u ghalhekk ma jistghux jigu mistharrga mil-lenti tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**.

Barra minn hekk, l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** mhuwiex applikabbli wkoll ghaliex il-**Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** bhala ligi fis-sehh qabel l-1962 jinsab imhares bl-**artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni**. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment li,

> *"Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni **ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962** jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li, minn zmien ghal zmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)."*

Jigi b'hekk, li l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex milqut fil-parametri tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u ghalhekk ghandu jigi mwarrab.

Lil hemm minn dan, fil-kaz tal-lum ma sehh l-ebda ksur tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u wisq aktar tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** u dan ghaliex l-Istat fl-ebda waqt ma ha xi proprjetà minghand ir-

rikorrenti jew b'xi mod fixkilhom fit-tgawdija ta' gidhom.  Imbilli kien hemm mizuri kawtelatorji ghall-harsien ta' azzjoni gudizzjarja mehuda minn kreditur, ma jfissirx b'daqshekk li l-Istat ha kontroll fuq hwejjeg ir-rikorrenti.

Fuq kollox dawn iz-zewg artikoli ma jiggarantux it-tgawdija tal-proprjetà b'mod assolut.  Kemm hu hekk, l-Istat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjetà skond l-interess generali.

Sewwa sew f'dan il-kaz, id-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw l-hrug u z-zamma ta' mandati kawtelatorji ghandhom: (i) ghan legittimu ghax johorgu mil-ligi stess, (ii) huma fl-interess generali ghax huma mahsuba biex iharsu l-pretensjonijiet ta' min iqis ruhu kreditur, li nieda jew ghandu l-hsieb li jibda proceduri gudizzjarji; u (iii) jzommu bilanc gust u xieraq bejn l-interessi tal-kreditur u l-interessi tad-debitur ghaliex kollox isir taht l-ghajnejn u l-kontroll ta' qorti indipendenti u imparzjali.

B'zieda ma' dan, debitur mhux biss ghandu skond l-**artikolu 837 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** l-jedd li jitlob ghat-tnehhija ta' mandat kawtelatorju izda d-debitur jista' jitlob ukoll taht l-**artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex il-Qorti tornda lill-kreditur jaghti garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali, danni u imghax biex izomm fis-sehh il-mandat kawterlatorju.  Dan kollu bla hsara ghall-jedd tar-rikorrenti li jfittxu ghad-danni lil min hareg il-mandat kontra taghhom, f'kaz li jsehhilhom juru li l-mandat inhareg fuq konsiderazzjonijiet abbuzivi.

Fl-ahharnett, ir-rikorrenti ma jistghux jinqdew bl-azzjoni kostituzzjonali ghas-semplici raguni li huma gew milquta hazin minn ordni ta' qorti.  Dan ghaliex l-azzjoni kostituzzjonali mhijiex mahsuba biex isservi ta' revizjoni ta' decizjonijiet moghtija mill-qrati taghna.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-ragunijiet, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta’ Settembru 2020 il-Qorti ordnat illi jiġi msejjaħ fil-kawża Peter Camilleri.

Rat ir-risposta tal-imsejjaħ fil-kawża Peter Camilleri li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok l-esponent ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju billi huwa ma kisirx, u qatt ma seta’ jikser xi drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

Fit-tieni lok, izda minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u ghal dawk li ser isegwu hawn taht, ir-rikorrenti ghandhom jindividwaw u jipprecizaw ezattament ix-xorta ta’ “rimedju” li qed jittentaw ifittxu oltre l-kumpens.

Fit-tielet lok dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta peress li r-rikorrenti ma ezawrixewx ir-rimedji ordinarji konsistenti fil-ligi u dan anke kif jinnota l-konvenut Avukat tal-Istat fir-risposta tieghu.

Fir-raba’ lok huwa bil-wisq evidenti illi din il-kawza mhi xejn hlief abbuza ta’ procedura billi r-rikorrenti qed jittentaw juzaw din il-Qorti bhala forum ta’ appell jew qorti ta’ revizjoni minn digriet li cahad it-tnehhija ta’ mandat kawtelatorju mentri skond l-**Artiklu 836(5) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta’ Malta huma kellhom ir-rimedju ta’ appell ordinarju u dan naqsu milli jaghmluh.

Finalment jigi eccepit illi l-esponent ghandu kull jedd illi jikkawtela pretensjonijiet gudizzjarji tieghu bl-aktar mod ampju, liema pretensjonijiet ghadhom pendenti gudizzju finali. Ghandu jigi denotat ukoll illi s-somma ta’ sittin elf Ewro (€60,000) giet indikata mill-esponent ghal fini tal-mandat ta’ inibizzjoni (Inib. Nru. 15/2018/1) izda fil-kawza fil-mertu (Citaz. 36/2018 SG) it-talba hija wahda generali u miftuha ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni; liema danni baqghu jizdiedu mill-2018 sal-lum. F’dan is-sens ikun ghal kollox fallaci u llogiku jekk dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka hi stess l-mandat miksub mill-esponent ghaliex dan jista’ potenzjalment iwassal ghall-lezjoni tal-jedd tieghu ghal rimedju xieraq u effettiv [Art. 6, Konvenzjoni Ewropea].

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Peter Camilleri li in forza taghha huwa eccepixxa:

Fl-ewwel lok l-esponent ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju billi huwa ma kisirx, u qatt ma seta' jikser, xi drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

Fit-tieni lok, izda minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u ghal dawk li ser isegwu hawn taht, ir-rikorrenti ghandhom jindividwaw u jipprecizaw ezattament ix-xorta ta' "rimedju" li qed jittentaw ifittxu oltre l-kumpens.

Fit-tielet lok dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress li r-rikorrenti ma ezawrixewx ir-rimedji ordinarji konsistenti fil-ligi u dan anke kif jinnota l-konvenut Avukat tal-Istat fir-risposta tieghu.

Fir-raba' lok huwa bil-wisq evidenti illi din il-kawza mhi xejn hlief abbuz ta' procedura billi r-rikorrenti qed jittentaw juzaw din il-Qorti bhala forum ta' appell jew qorti ta' revizjoni minn digriet li cahad it-tnehhija ta' mandat kawtelatorju mentri skond l-artikolu 836(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta huma kellhom ir-rimedju ta' appell ordinarju u dan naqsu milli jaghmluh.

Finalment jigi eccepit illi l-esponent ghandu kull jedd illi jikkawtela pretensjonijiet gudizzjarji tieghu bl-aktar mod ampju, liema pretensjonijiet ghadhom pendenti gudizzju finali. Ghandu jigi denotat ukoll illi s-somma ta' sittin elf Ewro (€60,000) giet indikata mill-esponent ghal fini tal-mandat ta' inibizzjoni (Inib. Nru. 15/2018/1) izda fil-kawza fil-mertu (Citaz. 36/2018 SG) it-talba hija wahda generali u miftuha ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni; liema danni baqghu jizdiedu mill-2018 sal-lum. F'dan is-sens ikun ghal kollox fallaci u llogiku jekk dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka hi stess l-mandat miksub mill-esponent ghaliex dan jista' potenzjalment iwassal ghall-lezjoni tal-jedd tieghu ghal rimedju xieraq u effettiv [Art. 6 Konvenzjoni Ewropeja].

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat in-noti ta’ riferenzi tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ dawn il-proċeduri, r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti ssib illi l-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 15/2018 fl-ismijiet Peter Camilleri vs Lee David u Nicholas aħwa Camilleri jilledi d-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà sanċit permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement, sabiex tipprovdi rimedju inkluż ħlas ta’ kumpens xieraq.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imsejjaħ fil-kawża talab u ottjena l-ħruġ ta’ mandat ta’ inbizzjoni fil-konfront tar-rikorrenti sabiex iżommhom milli jbiegħu, jneħħu, jittraferixxu jew b’xi mod ieħor jiddisponu minn sehemhom minn lok ta’ djar u biċċa art ġewwa n-Nadur, Għawdex. L-imsejjaħ fil-kawża kkawtela s-somma ta’ €60,000 u rriserva danni ulterjuri. Dan il-mandat ġie segwit b’kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) fl-ismijiet Peter Camilleri vs Lee David u Nicholas aħwa Camilleri (36/2018 SG). Fl-ewwel udjenza quddiem dik il-Qorti, il-kawża tħalliet *sine die* riapuntabbli fuq talba ta’ xi ħadd mill-partijiet wara li tinqata’ kawża oħra fl-istess ismijiet u ċioè dik bin-numru 60/2015 BS peress illi l-mertu tal-kawża 36/2018 jiddependi fuq l-eżitu tal-kawża 60/2015.

Sadanittant, ir-rikorrenti daħlu f’konvenju għall-bejgħ tas-sehem tagħhom mill-proprjetà mertu tal-mandat. Il-prezz tal-bejgħ tas-sehem tagħhom kellu jkun ta’ €176,666.66c. Għaldaqstant, permezz ta’ rikors tas-17 ta’ Diċembru 2019, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tirrevoka l-mandat u minflok tordna lir-rikorrenti jiddepożitaw taħt l-awtorità tagħha s-

somma kawtelata permezz tal-mandat. Madanakollu, dan ir-rikors ġie miċħud.

Ir-rikorrenti jikkontendu li dan imur kontra l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna u sakemm jibqa' fis-seħħ dan il-mandat ser tkun qed isseħħ leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà.

Fil-mori tal-proċeduri tal-lum u ċioè fis-27 ta' April 2021, ġiet deċiża l-kawża 60/2015 fejn ġew milqugħa t-talbiet tal-attur (illum imsejjaħ fil-kawża) u għaldaqstant, il-Qorti ordnat l-iżgumbrament tal-konvenuti (illum rikorrenti) mill-*mobile kiosk* mertu ta' dawk il-proċeduri. Minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell u allura din għaddiet ġudikat.

Fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2021, Dr. Andrew Sciberras għall-imsejjaħ fil-kawża informa lil din il-Qorti illi l-kontendenti f'dawk il-proċeduri ser jittransiġu t-talba għad-danni li għamel l-imsejjaħ fil-kawża u li kienet tifforma l-mertu tal-kawża 36/2018. Dr. Larry Formosa għar-rikorrenti kkonferma li kienu għaddejjin dawn it-trattattivi.

In linea preliminari, l-Avukat tal-Istat u l-imsejjaħ fil-kawża jeċċepixxu li r-rikorrenti kien imisshom irrikorrew għar-rimedji ordinarji disponibbli għalihom u li għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħet tagħha skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Jeċċepixxu wkoll li r-rikorrenti qegħdin jużaw dawn il-proċeduri bħala forum ta' appell minn deċiżjoni ta' Qorti ordinarja.

Il-Qorti ser tibda billi tgħid li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, li l-funzjoni ta' din il-Qorti mhijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

> "*Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti*

*li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*."

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali, tat-30 ta' Settembru 2011, sostniet:

*"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-<u>meritu</u> izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi <u>principji procedurali</u> (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (**Application 6172/73, X v. U.K**.)."*

Finalment, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et, tad-29 ta' Settembru 2016:

*"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom."*

Għalkemm dawn l-osservazzjonijiet saru fl-isfond tad-dritt għal smigħ xieraq, xorta waħda jgħoddu bis-sħiħ għall-mertu li għandha quddiemha din il-Qorti llum.

Stabbilit dan kollu, l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso relattiv jipprovdu hekk:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

L-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) u l-proviso relattiv jipprovdu l-istess iżda b'riferenza għad-drittijiet skont dik il-Konvenzjoni.

In linea ta' prinċipju ġenerali, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Edgar Publio Bonnici Cachia vs

Avukat Ġenerali, tad-29 ta' April 2014, elenkat is-segwenti prinċipji li jemerġu mill-ġurisprudenza li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu għad-dispozizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

*"(a) Meta jidher car li jesistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.*

*(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalità, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.*

*(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta' din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.*

*(d) In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.*

*(e) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(f) L-ezercizzju minn Qorti tal-ewwel grad tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

*(g) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-*

*indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*(h) Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b'mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta' dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti tqis illi l-intimat u l-imsejjaħ fil-kawża għandhom raġun fl-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom. In suċċint, ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw mid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tagħhom sabiex jiġu awtorizzati jbiegħu l-proprjetà u minflok jiddepożitaw taħt l-awtorità tagħha somma flus ekwivalenti għal dik kawtelata permezz tal-mandat. Meta wieħed jagħsar l-ilmenti tar-rikorrenti jirriżulta li huma qegħdin sempliċiment jistiednu lil din il-Qorti tinvestiga dak deċiż minn Qorti oħra.

Huwa ċar li r-rikorrenti qegħdin, permezz ta' din il-kawża, sempliċiment jistiednu lil din il-Qorti sabiex tidħol fil-mertu tal-proċeduri li jilmentaw dwarhom għaliex ma qablux mad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti. Iżda l-proċedura korretta ċertament mhijiex li jiftħu kawża kostituzzjonali bħal donnu kull min ma jaqbilx ma' deċiżjoni tal-Qorti b'daqshekk ikun ġie leż xi dritt fundamentali tiegħu.

Il-proċeduri kostituzzjonali u taħt il-Kap. 319 m'humiex intiżi biex jerġa' jiġi eżaminat il-mertu ta' proċeduri oħra, iżda *se mai* huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fundamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri.

Huwa paċifiku li rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji u meta hemm soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel mal-Istat, jiġi akkużat bi ksur ta' drittijiet fundamentali. Ma

jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin meta liċ-ċittadin ikunu provduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu (Alexander Barbara vs L-Avukat Ġenerali, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Novembru 2018).

Kif sewwa jeċċepixxi l-Avukat tal-Istat, jekk ir-rikorrenti ma qablux mad-digriet tal-Qorti għax skont huma ġew milquta ħażin miż-żamma fis-seħħ tal-mandat, kien imisshom fetħu kawża *ad hoc* għad-danni kontra l-persuna li fuq talba tagħha nħareġ il-mandat jew inqdew bil-proċedura skont l-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 u mhux jippruvaw jinqdew b'kawża kostituzzjonali.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fit-termini tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat u mill-imsejjaħ fil-kawża billi jirrizulta li r-rimedji ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti għadhom ma ġewx eżawriti. Tilqa' wkoll l-eċċezzjoni tal-intimat u tal-imsejjaħ fil-kawża fis-sens illi azzjonijiet kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex iservu ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati ordinarji.

Konsegwentement, teħles lill-intimat u lill-imsejjaħ fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjez jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG